# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: Siegħa u Nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

**Taqsima A: Aqta' sing taħt it-tajba.**

1. L-Istudji Soċjali huma studju dwar (il-Kavallieri, il-pjaneti, is-soċjetà).
2. Il-kelma soċjetà tfisser (jien u sħabi tal-iskola, nies li jsiefru flimkien, grupp ta' nies li jgħixu flimkien).
3. It-tfal kollha għandhom dritt (għal ġelat kuljum, għall-edukazzjoni, għal-logħob fuq il-*Playstation*).
4. Il-kultura Maltija tagħtina (identità, fattizzi, talenti).
5. Il-gazzetti u t-televixin jagħmlu parti mill-mezzi ta' (mediċina, storja, komunikazzjoni).
6. Id-droga tagħmel (familja iżjed magħquda, nies bil-għaqal, ħsara għas-saħħa).
7. Huwa d-dmir tat-tfal li (jagħmlu x-xogħol tal-iskola sew, jilagħbu fit-toroq, jkollhom x'jieklu).
8. Il-festa tar-raħal hi parti mill- (familja, komunità, kultura).
9. Permezz tas-soċjalizzazzjoni nitgħallem (il-valuri u n-normi, kif niġġieled ma' ta' madwari, dwar il-fjuri).
10. Dak li jien għandi nagħmel jissejjaħ (norm, rwol, talent).

**(10 marki)**

**Taqsima B: Għid xi jfissru dawn il-kelmiet li ġejjin:**

1. Familja
2. Personalità
3. Kultura
4. Valuri
5. Rwol
6. Talent
7. Ħin liberu
8. Għaqda volontarja
9. Soċjetà
10. Interazzjoni soċjali

**(20 marka)**

**Taqsima Ċ: Kull bniedem għandu RWOLI differenti x'jilgħab fil-ħajja tiegħu u f'relazzjoni ma' ta' madwaru. Semmi żewġ dmirijiet li għandna meta nkunu:**

1. Fl-iskola ______________________ ______________________
2. Mal-familja ______________________ ______________________
3. Fir-raħal tagħna ______________________ ______________________
4. Ċittadin ta' pajjiż ______________________ ______________________
5. Membri ta' għaqda reliġjuza ______________________ ______________________
6. F'post pubbliku ______________________ ______________________
7. Fil-kampanja ______________________ ______________________
8. Imsiefer waqt vaganza ______________________ ______________________
9. Parti minn tim sportiv ______________________ ______________________
10. Ma' grupp ta' ħbieb ______________________ ______________________

**(20 marka)**

**Taqsima D: Ikteb veru jew falz ħdejn kull waħda minn dawn is-sentenzi:**

1. Il-personalità tiegħi nitwieled biha. _____________
2. Il-proċess ta' soċjalizzazzjoni mhux bżonnjuż iktar. _____________
3. It-tfal m'għandhomx jingħataw drittijiet. _____________
4. Ma tissejjaħx egoist meta taħseb f'ta' madwarek. _____________
5. L-annimali qegħdin hemm biex jinħaqru. _____________
6. Il-kbar biss għandhom dmirijiet lejn is-soċjetà. _____________
7. L-ambjent huwa tagħna lkoll. _____________
8. Is-sigaretti jagħmluli l-ġid. _____________
9. L-attivitajiet sportivi jżommuni f'saħħti mentalment u fiżikament. _____________
10. In-nisa biss għandhom jagħmlu x-xogħol tad-dar. _____________

**(10 marki)**

**Taqsima E: Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Istudji Soċjali | limitazzjonijiet | soċjali | internazzjonali | interazzjoni soċjali |
| rispett | edukazzjoni formali | opinjoni | familja | solidarjetà |

1. Jien dejjem għandi nuri ____________________________ lejn min hu akbar minni.
2. F'pajjiż demokratiku kulħadd għandu dritt li jesprimi l- ____________________________ tiegħu.
3. Kulħadd għandu juri ____________________________ma' min hu fil-bżonn.
4. L-iskola hija l-post fejn it-tfal jingħataw l- ____________________________.
5. Is-soċjalizzazzjoni primarja tingħata mill- ____________________________.
6. L- ____________________________ jgħinna nkunu nafu aktar dwar is-soċjetà.
7. Aħna bħala Maltin mhux biss niffurmaw parti minn komunità nazzjonali iżda nagħmlu parti wkoll minn komunità ____________________________.
8. Kulħadd għandu jaċċetta l- ____________________________ tiegħu u ta' ħaddieħor.
9. Il-bniedem hu kreatura ____________________________ għax ma jistax jgħix waħdu.
10. Il-komunikazzjoni ma' ħaddieħor tissejjaħ ____________________________.

**(10 marki)**

**Taqsima F: Qabbel lista A ma' lista B billi tagħmel numru fin-nofs.**

| A | | B |
|---|---|---|
| 1. Il-familja u l-ħbieb huma | | huwa l-familja. |
| 2. L-ewwel grupp soċjali li ngħixu fih | | l-komunità dinjija. |
| 3. Meta nirreferu għal komunità lokali | | mhu maħluq biex jgħix waħdu. |
| 4. Komunità internazzjonali hi | | gruppi soċjali. |
| 5. L-ebda bniedem | | regoli mfassla mis-soċjetà. |
| 6. Is-soċjetà hi mżewqa b'talenti differenti: | | jagħmluna differenti minn xulxin. |
| 7. Normi huma | | nirreferu għal belt jew raħal partikolari. |
| 8. Dmir | | min jaf ipinġi, min idoqq u min ikanta. |
| 9. Rwol | | hu dak li s-soċjetà tippretendi minna. |
| 10. Il-karattru, l-personalità u l-fattizzi tagħna | | hu l-parti li int mistenni tilgħab f'xi mument partikolari. |

**(10 marki)**

**Taqsima Ġ: Agħżel wieħed minn dawn u ikteb ħmistax-il (15) sentenza dwaru.**

1. Għaliex il-bniedem ma jistax jgħix waħdu?
2. Fil-komunità fejn toqgħod tiġi toqgħod familja fil-bżonn. Kif tgħin int lil din il-familja?
3. Il-kultura Maltija.
4. Jiena nħobb immur l-iskola għax ...

**(20 marka)**